**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 8 ta' Frar 2022**

**Rikors tal-konvenuta tat-3 ta' Settembru 2021**

**Fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat Nru. 910/2019 GM fl-ismijiet:**

**Irene Causin (K.I. Nru. 183778M)**

**vs**

**No Deposit Cars Malta Ltd (C 85780)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors għall-preżentata ta' eċċezzjoni ulterjuri.

Rat ir-risposta tal-attriċi għall-istess rikors.

Dwar il-possibilita` li jiġu ppreżentati eċċezzjonijiet ulterjuri, il-kodiċi ritwali għandu żewġ disposizzjonijiet li diffiċli ħafna li jiġu rikonċiljati ma' xulxin.

Skont Art. 728(1), bħala regola ġenerali:

> **"l-eċċezzjonijiet kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-mertu għandhom jingħataw fir-risposta ġuramentata".**

Jistgħu jsiru wara l-preżentata tar-risposta ġuramentata:

(i) l-eċċezzjonijiet li b'disposizzjoni espressa tal-Kodiċi jingħataw f'kull waqt tal-proċediment u

(ii) eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt il-kawża (Art. 731).

Min-naħa l-oħra, Skont Art. 158(11):

> **"ir-risposta ġuramentata tista', wara li jinġiebu l-provi tal-attur u qabel ma' l-konvenut iġib il-provi tiegħu, tiġi emendata b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet, kemm b'żieda ta' eċċezzjonijiet oħra, bla ħsara għal dawk l-eċċezzjonijiet li jinqalgħu f'kull stadju tal-kawża".**

Iż-żewġ disposizzjonijiet jaqblu dwar eċċezzjonijiet li jinqalgħu f'kull stadju tal-kawża u ċertament m'hemmx konflitt dwar il-possibilita` ta' eċċezzjonijiet li b'disposizzjoni espressa tal-Kodiċi jistgħu jingħataw f'kull stadju tal-kawża. Iżda l-konkordanza bejn iż-żewġ artikli almenu fl-apparenza tieqaf hawn.

Sabiex il-Qorti tislet sewwa t-tifsira tal-ittra tal-liġi, li mhi xejn għajr il-manifestazzjoni esterna tar-rieda tal-leġislatur, trid tiskopri x'kien l-ħsieb, jew *mens*, tiegħu meta ppromulga l-liġi. Dan il-proċess t'interpretazzjoni jikkonsisti f'diversi elementi:

(1) l-element grammatikali li joħroġ mill-istess kliem tal-liġi.

(2) l-element loġiku.

(3) l-element storiku, li juri l-istat tad-dritt fiż-żmien meta ġiet ippromulgata u mibdula l-liġi.

(4) l-element sistematiku, li juri d-diversi rabtiet bejn ir-regoli tad-dritt f'ħaġa waħda; għaliex, biex wieħed jasal għall-ħsieb tal-leġislatur li jkun wassal għal regola ta' dritt partikolari, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh is-sistema tad-dritt in ġenerali.

Dawn l-elementi m'humiex mezzi differenti tal-interpretazzjoni, iżda operazzjonijiet intellettwali li għandhom jitħaddmu flimkien, anke jekk tingħata importanza ikbar daqqa lil wieħed u daqqa lil ieħor minn dawn l-elementi biex jinkiseb l-aħjar riżultat.[1]

F'dan il-każ, il-Qorti ssib li l-element li għandu jservi bħala l-punt tat-tluq – u l-iktar importanti – huwa l-element storiku.

Fil-verżjoni orġinali tal-Kodiċi, kien hemm l-Art. 785 et seq li sostanzjalment kienu l-istess bħal dawk tal-lum, bid-differenza li kienu jiddistingwu bejn iċ-ċitazzjoni – li kienet il-mod ta' proċediment informi – u l-libell, jew il-proċedura formali. Fil-każ tal-libell, il-proċedura li tikkonċerna l-eċċezzjonijiet ulterjuri kienet prattikament l-istess bħal dik applikabbi llum għar-rikors maħluf, filwaqt li kienet iktar fluwida fil-każ taċ-ċitazzjoni:

> *735. Nei giudizi per via di citazione le eccezioni dilatori devono essere date nell'esordire della difesa.*
>
> *Nei giudizi per via di libello, per cioe` che concerne le scritture, devono tali eccezioni darsi nella risposta, prima di tutt'altre relative*

[1] *Ara Savigny, Sistema del Diritto Romano, I §49.*

*al merito, e si deve, senza pregiudizio delle stesse, passare nella medesima scrittura a dare le eccezioni sul merito.*

*Per cio` che concerne la trattazione nell'esordire egualmente della difesa devono essere date tutte le eccezioni, dilatori che si avessero, ma non si passera` alle altre eccezioni, a meno che la Corte non giudicasse cosi` doversi fare.*

*736. Quando la Corte credesse doversi limitare a conoscere l'eccezione dilatoria, si potra' sentire il merito in quando lo stesso potesse influire sulla decisione della questione preliminare.*

*737. Le eccezioni d'incompetenza della Corte, d'illegittimita' di persona e di nullita' di atti,* devono in ogni caso per separata decisione essere definite.

*738. Le disposizioni contenute nel l'articolo 735, non si diferiscono alle eccezioni che le presenti Leggi espressamente permettono darsi in qualunque parte del giudizio, od a quelle eccezioni che fossero nate durante il corso della causa, o che altrimenti non fosse praticabile dare nell'ordine quivi prescritto; ma dovranno queste essere date nello stadio della causa in cui insorgessero o fosse praticabile il darle.*

*739. Le eccezioni perentorie possono essere date in qualunque stadio della causa, anche in seconda istanza.*

Il-proċedura formali kienet tikkonsisti fil-libell, ir-risposta, u r-replika. Fir-risposta (mill-konvenut), meta ma jkunx hemm ammissjoni:

*153(1) Si devono allegare le eccezzioni che non allegate prima della contestazione della lite s'intenderebbero rinunziate;*

*-omissis-*

*(3) Si devono dare le eccezioni sul merito…*

L-attur seta' jagħmel replika, li:

*"156. ... deve essere limitata a dare occorrendo alle circostanze di fatto una spiegazione, e ad allegare delle ulteriori circostanze in ripulsa delle eccezioni date dal convenuto..."*

Mar-replika, kienet iseħħ il-*conclusione della causa* jew fi kliem ieħor tal-proċedura bil-miktub. B'danakollu, waqt is-smigħ tal-kawża, l-Qorti setgħet terġa' tiftaħ il-proċedura bil-miktub. Dan għaliex:

*"165. Non ostante la conclusione della causa, puo` la Corte, per giusta causa, sopra qualunque questione nascente dalle domande gia` dedotte, ordinare ad una delle parti, in prima istanza, un libello addizionale...*

*"Al libello... addizionale, l'altra parte dovra` rispondere..."*

Fil-każ taċ-ċitazzjoni:

*"180. ... non si ammettono opposizioni in iscritto; ma tutte le eccezioni devono essere date a voce nell'atto della trattazione della causa."*

Milli jidher, meta l-Kodiċi ritwali kien għadu fl-istat verġni tiegħu, kien hemm ukoll min-naħa l-waħda n-norma tassattiva (Art. 735 Ord., it-tieni paragrafu) li, salv fil-każijiet speċifiċi fejn il-liġi tgħid mod ieħor, l-eċċezzjonijiet kollha, sew dilatorji, sew fil-mertu, kellhom jingħataw fir-risposta (tal-libell) iżda l-Qorti kellha l-fakulta`, għal raġuni ġusta, tippermetti, waqt is-smigħ tal-kawża, li jsiru kemm talbiet kif ukoll eċċezzjonijiet ġodda (Art. 165 Ord.).

Ordinanza IX tal-1886 (klawżola 24) ħassret il-preċitat Art. 180 kif ukoll Art. 179 li kien jordna lill-konvenut, fil-proċedura taċ-ċitazzjoni, jidher dakinhar tas-smigħ tal-kawża, u minflokom daħħlet dawn id-disposizzjonijiet, s'intendi applikabbli biss għall-proċedura taċ-ċitazzjoni:

> *"179. Nelle Corti Superiori, il convenuto deve presentare una nota contenente una indicazione delle sue eccezioni, e accompagnata dai documenti necessari per sostenerle.*
>
> *"La nota, coi rispettivi documenti, dev'essere presentata prima del giorno destinato per la trattazione della causa, o nella trattazione stessa prima della risposta.*
>
> *"La nota presentata prima dell'apertura della trattazione, puo' essere dal convenuto, prima della sua risposta, o immedatamente dopo, corretta con un'altra nota, colla rinunzia a qualunque delle eccezioni date, o coll'aggiunta di altre.*
>
> *"La Corte, quando, dietro la esposizione del fatto da parte dello attore e la produzione delle sue prove, lo creda giusto, puo' accordare al convenuto un termine secondo le circostanze, per la preparazione o la correzione della nota.*
>
> *"In difetto della nota prescritta in questo articolo, la Corte decidera' la causa, come se il convenuto fosse contumace".*

Sal-bidu tas-smigħ tal-kawża, il-konvenut seta' jbiddel l-eċċezzjonijiet tiegħu – sintendi mingħajr il-ħtieġa li jitlob permess mill-Qorti – u wara l-għeluq tal-provi tal-attur, seta' jagħmel dan bil-permess tal-Qorti biss.

L-Ordinanza XV.1913 (klawżola 47) irrevokat il-preċitat Art. 179 u ssostitwietu b'ieħor li, fis-seba' (7) paragrafu tiegħu kien jaqra hekk:

> "*With the leave of the court, the statement of pleadings may, after the statement of the facts of the plaintiff and the production of his evidence, be amended by means of a separate statement withdrawing any of the pleas set up, or adding new pleas*".

L-Ordinanza XXXI.1934 (klawżola 25) għamlet xi tibdiliet fl-Art. 179. Minflok il-preċitat para. 7 introduċiet dan:

> *"By leave of the Court, the statement of pleadings may after the production of the plaintiff's evidence, be amended by means of a separate statement either by withdrawing any of the pleas set up or by adding new pleas".*

Att. XXVII.1979 (klawżola 9) issostitwixxa għal darb'oħra l-Art. 179 (issa ri-enumerat bħala Art. 158) li para 10 (illum para 11) tiegħu ġie jaqra hekk:

> *"(10) The statement of defense, after the conclusion of the evidence of the plaintiff and before the defendant produces his evidence, may be amended by means of a separate statement either withdrawing any of the pleas set up or adding new pleas, saving those pleas which may be set up at any stage of the proceedings".*

In-novita` hawn kienet li tneħħa l-kliem "*by leave of the court".* L-Att XXIV.1995.70, li għamel xi emendi għall-Art. 158, ħalla l-para 10 preċitat kif kien.

L-Att XXIV.1995 abolixxa l-proċedura tal-Libell, u għalhekk il-proċedura ordinarja saret dik taċ-Ċitazzjoni, li għaxar snin wara l-leġislatur biddlilha jsimha għal Rikors Guramentat (Att XXII.2005. L-istess Att (para 279) issostitwixxa l-Art. 728 li ġie jaqra hekk:

> ***"728.*** *(1) Subject to the provisions of article 731 in actions instituted by sworn application, all pleas whether dilatory or touching the merits shall be raised in the sworn answer, as the case may be. Those pleas touching the merits shall be raised without prejudice to the dilatory pleas.*
>
> *"(2) No other pleas can be set up at a later stage; provided that the court may on an application by the defendant or respondent allow the setting up of additional pleas, if it is satisfied that there were valid reasons for not including them in the note of pleas or in the answer.*
>
> ***"729.*** *If the court deems it expedient, before proceeding further, to*

*deal with the dilatory plea, the court may hear the merits so far as the same may affect the decision on the preliminary issue.*

***"730.** Any plea to the jurisdiction of the court or to the capacity of the parties, and any plea of compromise, arbitration, res judicata, prescription, or nullity of acts, shall be determined under a separate head, either before, or together with the decision on the merits.*

***"731.** The provisions of article 728 shall not apply to such pleas as by an express provision of this Code may be raised at any stage of the proceedings, or to pleas the reason for which arises during the trial.*

***"732.** (1) Saving always the provisions of this Code respecting the production of evidence, peremptory pleas may be raised even before the appellate court although they may not have been raised before the court of first instance.*

*"(2) Nevertheless, the plea of desertion of a cause shall be deemed to have been waived, if not raised before any other peremptory plea".*

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kweżit preżenti, n-novita` tal-emenda tal-1995 tikkonsisti fiż-żieda tal-Art. 728(2) li jassoġġetta ż-żieda ta' eċċezzjonijiet ulterjuri għall-permess tal-Qorti wara rikors tal-konvenut. Għalhekk filwaqt li Art. 158(1) jippermetti, mingħajr permess tal-Qorti, eċċezzjonijiet ulterjuri għeluq il-provi tal-attur u qabel il-bidu tal-provi tal-konvenut, Art. 728 jipprojbixxi eċċezzjonijiet addizzjonali wara r-Risposta Guramentata mingħajr il-permess tal-Qorti.

Dan il-konflitt ma kienx jeżisti fil-kodiċi ritwali tagħna fl-istat pristin tiegħu. Gja` fih kien hemm l-obbligu li l-eċċezzjonijiet isiru qabel l-għeluq tal-proċedura bil-miktub (ir-Risposta fil-Libell) bil-fakolta` tal-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet oħra fi kwalunkwe stadju tal-kawża fil-prim'istanza u bil-permess tal-Qorti biss.

Fl-1886, fil-proċediment b'Ċitazzjoni, ġiet introdott l-obbligu li l-eċċezzjonijiet isiru kollha fil-bidu tal-kawża. Il-konvenut kellu l-fakulta` jżid jew ibiddel eċċezzjonijiet qabel il-bidu tas-smigħ tal-kawża. Seta' jagħmel hekk ukoll, bil-permess tal-Qorti, wara l-għeluq tal-provi tal-attur. Il-liġi baqgħet l-istess bl-emendi li saru f'dan l-Artiklu fin-1913 u fin-1934. Imbagħad fil-1979, il-konvenut ingħata, bi dritt, il-fakulta` li wara l-għeluq tal-provi tal-attur u qabel ma jressaq il-provi tiegħu, jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri. Fil-1995 iddaħħlet id-disposizzjoni tal-Art. 728(2) li tgħid kategorikament li "**ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża"** għajr bil-permess tal-Qorti. Dan imur kontra d-dispost tal-Art. 158(11).

Minn riċerka li għamlet din il-Qorti, ma rnexxilhiex issib pronunzjament li jirriżolvi dan il-kweżit.

Sabet żewġ sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li affermaw li l-konvenut għandu, bi dritt, jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri fl-istadju msemmi fl-Art. 158(11). Dan iżda qalitu *obiter* għaliex f'dawk il-kawżi dan l-istadju kien definittivament ingħalaq meta ġiet ippreżentata n-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri.[2]

Sabet ukoll sentenza oħra, ukoll tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, ippronunzjata qabel iż-żewġ sentenzi li għadhom kif issemmew, li għamlet enfasi fuq id-divjet fl-Art. 728(2) u ma għamlet l-ebda riferenza għall-Art. 158(11). F'dan il-każ, il-konvenut kien ippreżenta nota tal-

[2] *Diana Gatt v Vincent Said 23.02.2001 Qorti tal-Appell (J. Said Pullicino President; J.A. Filletti; Franco Depasquale); Paul Fiorentino v David Jones 05.10.2018 Qorti tal-Appell (J. Azzopardi President; J.R. Micallef, T. Mallia)*

eċċezzjonijiet ulterjuri mingħajr permess.[3]

Din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul, waslet għall-konklużjoni li l-effetti tal-Art. 158(11) inġiebu fix-xejn permezz tal-Art. 728(2). Dan għaliex:

(1) Il-kodiċi tal-proċedura għandu jitqies bħala unitarju, ċar u koerenti.

(2) Storikament, il-Kodiċi ma kien jagħti l-fakolta` illimitata lill-konvenut li jressaq minghajr il-peremss tal-Qorti eċċezzjonijiet ulterjuri lanqas qabel jibda bil-provi tiegħu, għajr għal dawk l-eċċezzjonijiet ikkontemplati fil-liġi. Din il-fakolta` ġiet introdotta biss fis-sena 1979.

(3) L-art. 728(2), bħala liġi posterjuri għal dik tal-Art. 158(11), tipprevalixxi fuqu b'mod li tabrogah: *ius posterior derogat priori*.

(4) L-Art. 728(2) ġie ntrodott fil-1995 fuq rakkomandazzjoni ta' Kumitat kompost minn ġuristi llustri maħtur bl-iskop speċifiku "*to facilitate and expedite procedures in court*". L-ispedizzjoni tal-kawżi llum il-ġurnata iktar minn qatt qabel huwa l-"*overriding objective*" tar-regoli ta' proċedura. Ċertament mhijiex konsonanti ma' dan l-oġġettiv suprem id-dritt illimitat li jitqanqlu eċċezzjonijiet ġodda wara li l-attur ikun temm il-provi tiegħu. Dan barra li jista' jpoġġi lill-attur fi żvantaġġ. Fl-interess tal-ħeffa, tul iż-żmien, il-leġislatur progressivament ħa ħsieb li kemm jista' jkun il-pożizzjonijiet rispettivi tal-attur u tal-konvenut ikunu ċari u lesti fil-bidu tal-proċediment. Hekk insibu li l-attur irid, fl-att promotur tiegħu, mhux biss juri b'mod ċar ir-raġunijiet u l-oġġett tat-talba tiegħu, imma wkoll jiddikjara l-fatti bażi tal-allegazzjonijiet tiegħu kif ukoll isemmi x-xhieda li jkun bi ħsiebu jipproduċi u l-iskop l-għala jkun irid iressaqhom. Konformement mal-esiġenza tal-ħeffa, l-ebda xhud mhux hekk iddikjarat ma jista' jiġi prodott. L-istess jgħodd, *mutatis*

[3] *John Mary Vella vs Winston Azzopardi 06.10.1999 Qorti tal-Appell (J. Said Pullicino President; C. Agius; J.D. Camilleri).*

*mutandis*, għall-konvenut huwa u jressaq id-difiża tiegħu. Wara r-Rikors Maħluf u r-Risposta Ġuramentata, il-partijiet għandhom ikunu f'qagħda li jkunu konoxxenti sewwa tal-pretenzjonijiet rispettivi tagħhom. Huwa evidenti li f'sistema bħal din, għandha tkun regola stretta li eċċezzjonijiet ulterjuri m'għandhomx ikunu permessi għajr f'każijiet eċċezzjonali. Qajla hija konformi ma' din is-sistema – anzi, timmilita kontriha – il-fakolta` bla limitu tal-konvenut li joqgħod iqanqal difiżi ġodda wara li l-attur ikun għalaq il-provi tiegħu. Provi li l-attur ikun ressaq mhux biss fid-dawl ta' dak li jkun allega hu stess, imma wkoll ta' dak li jkun eċċepixxa l-konvenut. L-Art. 728(2) iddaħħal biex isaħħaħ ir-regola antika – imniżżla fil-pożittiv - kontenuta fl-Art. 728(1) li l-eċċezzjonijiet għandhom jingħataw kollha fi stadju bikri billi daħħal regola negattiva korrispondenti. Jekk jitħalla jipprevalixxi l-Art. 158(11), l-Art. 728(2) jkun ġie ntrodott għalxejn fir-riformi proċedurali estensivi tal-1995 li kellhom l-għan speċifiku li jkollna ġustizzja eħfef u aħjar f'dawn il-Qrati.

Ikkunsidrat:

Ir-rikors tas-soċjeta` konvenuta ġie ppreżentat wara li l-attriċi temmet il-provi tagħha u qabel il-konvenuta bdiet b'tagħha. Għalkemm tinvoka l-Art. 158(11), il-konvenuta xorta waħda qiegħda titlob il-permess tal-Qorti biex tippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri. Fid-dawl tar-raġunament hawn fuq espost, il-Qorti tħoss li l-Art. 158(11) ma jistax jiġi applikat għaliex ġie impliċitament abrogat.

Jonqos għalhekk jiġi deċiż jekk il-Qorti għandhiex tagħti permess jew le għall-preżentata tal-eċċezzjoni ulterjuri. L-attriċi qiegħda titlob

dikjarazzjoni li l-karozza li xtrat mingħand il-konvenuta hija afflitta minn difetti moħbija. Kontestwalment mar-rikors ġuramentat ippreżentat ċedola ta' depożitu tal-istess karozza li tallega li ħalliet għand il-konvenuta. Allegazzjoni miċħuda mill-konvenuta. Issa l-konvenuta qiegħdha titlob li tippreżenta eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li l-azzjoni hija nulla billi, skontha, il-vettura baqgħet fil-pussess tal-attriċi u minkejja d-depożitu ma ġietx fiżikament iddepożitata fir-reġistru tal-Qorti.

Il-Qorti f'dan l-istadju mhix sejra tikkummenta dwar il-mertu tal-eċċezzjoni proposta – kif għamlet l-attriċi fir-risposta tagħha. Tista' tiddeċiedi biss jekk huwiex opportun li din l-eċċezzjoni ulterjuri titħalliex tiġi ntrodotta fl-atti jew le. Issa ċ-ċedola tad-depożitu ma saritx waqt is-smigħ tal-kawża, imma kontestwalment mar-Rikors Guramentat. Li jfisser li ma kien hemm xejn xi jfixkel lill-konvenuta milli tinkludi l-eċċezzjoni *de quo* fir-Risposta Ġuramentata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tiċħad it-talba.

Spejjeż ta' din il-proċedura riżervata għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA